

Brussell, 9 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10970/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0279 (NLE)

JUSTCIV 182
COEST 150

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 6 ta' Lulju 2018

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2018) 530 final

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Awstrija, il-
Lussemburgu u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea,
l-adeżjoni tal-Belarusija u l-Użbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980
dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ftif Internazzjonali ta' Minuri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 530 final.

Mehmuż: COM(2018) 530 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.7.2018
COM(2018) 530 final

2018/0279 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Belarusja u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

L-għan tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (minn hawn 'il quddiem: "il-Konvenzjoni tal-1980"), sal-lum irratifikata minn 98 pajjiż, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE, huwa li jerġa' jkun hemm l-*istatus quo* permezz tar-ritorn immedjat ta' minuri li jitneħħew jew li jinżammu b'mod illeċtu permezz ta' sistema ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali maħtura mill-Partijiet Kuntrattwali tagħha.

Minħabba li l-prevenzjoni tal-ħtif ta' minuri hija parti essenzjali mill-politika tal-UE biex tippromwovi d-drittijiet tal-minuri, l-Unjoni Ewropea hija attiva fil-livell internazzjonali biex ittejjeb l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980 u tinkoraġġixxi Stati terzi biex jaderixxu magħha.

Il-Belarusija ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-1980 fit-12 ta' Jannar 1998. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-Belarusija fl-1 ta' April 1998.

Il-Konvenzjoni tal-1980 bejn il-Belarusija u 24 Stat Membru tal-UE diġà daħlet fis-seħħ. L-Awstrija, id-Danimarka, il-Lussemburgu u r-Rumanija biss għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tal-Belarusija mal-Konvenzjoni.

L-Uzbekistan iddepożita l-istrument tal-adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-1980 fil-31 ta' Mejju 1999. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-Uzbekistan fl-1 ta' Awissu 1999.

Il-Konvenzjoni tal-1980 bejn l-Uzbekistan u 24 Stat Membru tal-UE diġà daħlet fis-seħħ. L-Awstrija, id-Danimarka, il-Lussemburgu u r-Rumanija biss għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tal-Uzbekistan mal-Konvenzjoni.

L-Artikolu 38(4) tal-Konvenzjoni tal-1980 jistipula li l-Konvenzjoni tapplika bejn il-pajjiż aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

L-eżistenza tal-kompetenza esklużiva tal-UE fil-kwistjoni tal-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' Stat terz mal-Konvenzjoni tal-1980 kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li għet ikkonsultata fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

Fl-14 ta' Ottubru 2014, l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat li l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea tkopri l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' Stat terz mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.

Il-Qorti saħqet dwar il-ħtieġa ta' uniformità fil-livell tal-UE f'dan ir-rigward, sabiex jiġu evitati differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni (*géométrie variable*) fost l-Istati Membri.

Minħabba li l-kwistjoni tal-ħtif internazzjonali tal-minuri taqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjoni dwar jekk tiġix aċċettata l-adeżjoni tal-Belarusija u l-Uzbekistan ħandha tittieħed fil-livell tal-UE permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. B'hekk l-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija jenħtieġ li jagħmlu d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni fir-rigward tal-adeżjoni tal-Belarusija u l-Uzbekistan fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

L-aċċettazzjoni tal-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija ġgħib il-Konvenzjoni tal-1980 applikabbli bejn il-Belarussja u l-Uzbekistan u l-Istati Membri kollha tal-UE minbarra d-Danimarka.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti f'dan il-qasam ta' politika**

F'dak li jirrigwarda l-ħtif tal-minuri minn ġenitur, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 hija l-kontroparti internazzjonali tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003 (magħruf bħala r-Regolament Brussell IIA), li huwa l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE fi kwistjonijiet matrimonjali u ta' responsabbiltà tal-ġenituri.

Wieħed mill-objettivi ewlenin tar-Regolament hu li jiskoraġġixxi l-ħtif tal-minuri minn Stat Membru għall-ieħor, billi jistabbilixxi proċeduri li jiżguraw ir-ritorn minnufih tal-minuri lejn l-Istat Membru fejn ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom. Għal dan l-għan, ir-Regolament Brussell IIA jinkludi fl-Artikolu 11 tiegħu, il-proċedura stabbilita fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u jikkumplementaha billi jiċċara xi aspetti tagħha, b'mod partikolari s-smiġħ tal-minuri, il-perjodu ta' żmien biex tinħareġ deċiżjoni wara li jsir rikors għal ritorn, u r-raġunijiet biex ma jsirx ir-ritorn tal-minuri. Huwa jintroduċi wkoll dispożizzjonijiet li jirregolaw ordnijiet ta' ritorn u ta' nuqqas ta' ritorn konfliġġenti maħruġa fi Stati Membri differenti.

Fil-livell internazzjonali, l-Unjoni Ewropea tappoġġa l-adeżjoni ta' Stati terzi mal-Konvenzjoni tal-1980 sabiex l-Istati Membri tagħha jibbażaw ruħhom fuq qafas ġuridiku komuni biex jittrattaw il-ħtif internazzjonali ta' minuri.

Bejn Ġunju 2015 u Diċembru 2017 diġà ġew adottati 14-il Deċiżjoni tal-Kunsill sabiex tiġi aċċettata l-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-ħtif Internazzjonali ta' Minuri ta' 20 pajjiż terz (il-Marokk, Singapore, il-Federazzjoni Russa, l-Albanija, Andorra, is-Seychelles, l-Armenja, ir-Repubblika tal-Korea, il-Każakistan, il-Perù, il-Georgia, l-Afrika t'Isfel, iċ-Ċili, l-Iżlanda, il-Bahamas, il-Panama, l-Urugwaj, il-Kolombja, El Salvador u San Marino)¹.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Din il-proposta hija marbuta b'mod ċar mal-objettiv ġenerali, minqax fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jiġu protetti d-drittijiet tal-minuri. Is-sistema tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 hija mfassla biex tipproteġi lill-minuri mill-effetti ta' ħsara ta' ħtif mill-ġenituri u biex tiżgura li l-minuri jkunu jistgħu jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri, pereżempju billi tiżgura l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess.

Tajjeb li wieħed isemmi wkoll ir-rabta mal-promozzjoni tal-użu tal-medjazzjoni fis-soluzzjoni ta' tilwim familjari transfruntiera. Id-Direttiva dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni fi

¹ Diġà ġew adottati 14-il deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizzaw lill-Istati Membri biex jaċċettaw l-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-1980 ta' **Andorra** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1023 adottata fil-15 ta' Ġunju 2015); **is-Seychelles** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2354 adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); **ir-Russja** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2355 adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); **l-Albanija** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2356 adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); **Singapore** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1024 adottata fil-15 ta' Ġunju 2015); **il-Marokk** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2357 adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); **l-Armenja** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2358 adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); **ir-Repubblika tal-Korea** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2313 adottata fit-8 ta' Diċembru 2016), **il-Każakistan** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2311 adottata fit-8.12.2016), **il-Perù** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2312 adottata fit-8.12.2016); **il-Georgia** u **l-Afrika t'Isfel** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2462 tat-18 ta' Diċembru 2017); **iċ-Ċili**, **l-Iżlanda** u **l-Bahamas** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2424 tat-18 ta' Diċembru 2017); **il-Panama**, **l-Urugwaj**, **il-Kolombja** u **El Salvador** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2464 tat-18 ta' Diċembru 2017); **San Marino** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2463 tat-18 ta' Diċembru 2017).

kwistjonijiet ċivili u kummerċjali² tapplika wkoll għal-liġi tal-familja fl-ispazju ġudizzjarju Ewropew komuni. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tinkoraġġixxi wkoll soluzzjoni ta' ħbiberija għal tilwim familjari. Waħda mill-Gwidi għall-Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, ppubblikata mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, hija ddedikata għall-użu tal-medjazzjoni għar-riżoluzzjoni tat-tilwim internazzjonali tal-familja li jirrigwarda lill-minuri, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, din il-Gwida ġiet tradotta għal-lingwi kollha tal-UE, minbarra l-Ingliż u l-Franċiż, u anki għall-Għarbi sabiex jiġi sostnut id-djalogu ma' Stati li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni u sabiex tingħata għajnuna ħalli jinstabu mezzi konkreti kif jiġu indirizzati l-problemi li jippreżentaw ruħhom mal-pajjiżi li għadhom ma rratifikawhiex waqt il-ħtif internazzjonali ta' minuri³.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Minħabba l-fatt li d-deċiżjoni tirrigwarda ftehim internazzjonali, il-bażi ġuridika applikabbli hija l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikolu 81(3). Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 u għalhekk qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

• Proporzjonalità

Din il-proposta hija mfassla fuq il-mudell tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill diġà adottati dwar l-istess suġġett u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' azzjoni koerenti tal-UE fil-qasam tal-ħtif internazzjonali ta' minuri billi tiżgura li l-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija jaċċettaw l-adeżjoni tal-Belarus u l-Użbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fperjodu ta' żmien stabbilit.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

L-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija, li ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni dwar ir-rieda tagħhom li jaċċettaw l-adeżjoni tal-Belarusja u l-Użbekistan mal-Konvenzjoni tal-1980, taw opinjoni favorevoli.

Id-diskussjonijiet li saru waqt laqgħa tal-esperti tat-18 ta' April 2018 urew li f'dan l-istadju, ma hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-Istati Membri biex l-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija jaċċettaw l-adeżjoni tal-Belarusja u l-Użbekistan mal-Konvenzjoni tal-1980.

² Id-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 136 tal-24 ta' Mejju 2008, p. 3);

³ <https://www.hcch.net/en/publications-and-studies/details4/?pid=5568&dtid=3>

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Billi l-Konvenzjoni diġà tinsab fis-seħħ ma' 24 Stat Membru fir-rigward tal-Belarusija u tal-Uzbekistan kienet l-opinjoni tal-Kummissjoni u tal-esperti tal-Istati Membri li, f'każijiet bħal dawn, ma hemm l-ebda hteġa ta' valutazzjoni speċifika dwar is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Rigward l-14-il Deċiżjoni tal-Kunsill, dwar l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' diversi Stati terzi mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, li diġà ġew adottati fl-2015 u fl-2017, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt minħabba n-natura ta' dan l-att leġislattiv. F'kull każ, il-valutazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni tal-Belarusija u l-Uzbekistan tqieset bħala superfluwa meta jitqies il-fatt li l-Konvenzjoni diġà qiegħda fis-seħħ bejn 24 Stat Membru tal-UE rispettivament, u li l-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija lesti li jaċċettaw l-adeżjoni tal-Belarusija u l-Uzbekistan.

4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAGĦIT

Id-deċiżjoni proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

Peress li l-proposta tikkonċerna biss l-awtorizzazzjoni għall-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija biex jaċċettaw l-adeżjoni tal-Belarusija u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-1980, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha huwa limitat biex l-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija jirrispettaw il-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni u l-iskeda taż-żmien biex jiddepożitawha u jikkomunikaw id-depożitu tagħha lill-Kummissjoni kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-ađeżjoni tal-Belarussja u l-Użbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3), flimkien mal-Artikolu 218(6)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁴,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-minuri, kif iddikjarat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-miżuri għall-protezzjoni tal-minuri kontra t-teħid jew żamma illeċiti huma parti essenzjali minn dik il-politika.
- (2) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2201/2003⁵ (“ir-Regolament Brussell IIA”), li għandu l-għan li jħares lill-minuri mill-effetti dannużi tat-teħid jew taż-żamma b'mod illeċitu u li jistabbilixxi proċeduri biex jiżgura r-ritorn rapidu tagħhom lejn l-Istat tar-residenza abitwali tagħhom, kif ukoll li jiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-aċċess u tad-drittijiet tal-kustodja.
- (3) Ir-Regolament Brussell IIA jikkumplimenta u jirrinforza l-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (“il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980”) li tistabbilixxi, fil-livell internazzjonali, sistema ta' obbligi u kooperazzjoni fost l-Istati kontraenti u bejn l-awtoritajiet ċentrali u għandha l-għan li tiżgura r-ritorn minnufih ta' minuri li jittieħdu jew jinżammu b'mod illeċitu.
- (4) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.
- (5) L-Unjoni tinkoraġġixxi lil Stati terzi biex jaċċedu għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u tappoġġa l-implimentazzjoni korretta tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 billi tiegħu sehem, flimkien mal-Istati Membri, fost oħrajn, fil-kummissjonijiet speċjali organizzati fuq bażi regolari mill-Konferenza tal-Aja dwar id-dritt internazzjonali privat.
- (6) Qafas legali komuni applikabbli bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u Stati terzi jista' jkun l-aħjar soluzzjoni għal każijiet sensittivi ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1).

- (7) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tistipula li hija tapplika bejn l-Istat aderenti u l-Istati kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.
- (8) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma tippermettix li organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-Unjoni jsiru partijiet għaliha. Għalhekk, l-Unjoni la tista' taderixxi ma' dik il-Konvenzjoni, u lanqas ma tista' tiddepożita dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' Stat aderenti.
- (9) Skont l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 huma parti mill-kompetenza esklużiva esterna tal-Unjoni.
- (10) Il-Belarussja ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni tagħha mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fit-12 ta' Jannar 1998. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-Belarussja fl-1 ta' April 1998.
- (11) L-Istati Membri kollha kkonċernati, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija, id-Danimarka, tal-Lussemburgu u tar-Rumanija, diġà aċċettaw l-adeżjoni tal-Belarussja mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Il-Belarussja aċċettat l-adeżjoni tal-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u Malta mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fil-Belarussja wasslet għall-konklużjoni li l-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni tal-Belarussja skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.
- (12) Il-Belarussja ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni tagħha mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fil-31 ta' Mejju 1999. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-Uzbekistan fl-1 ta' Awissu 1999.
- (13) L-Istati Membri kollha kkonċernati, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija, id-Danimarka, tal-Lussemburgu u tar-Rumanija, diġà aċċettaw l-adeżjoni tal-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. L-Uzbekistan aċċetta l-adeżjoni tal-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u Malta mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fl-Uzbekistan wasslet għall-konklużjoni li l-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni tal-Uzbekistan skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.
- (14) Għalhekk jenħtieġ li l-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija jkunu awtorizzati jiddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Belarussja u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fl-interess tal-Unjoni skont it-termini stipulati f'din id-Deċiżjoni. L-Istati Membri l-oħrajn tal-Unjoni li diġà aċċettaw l-adeżjoni tal-Belarussja u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma jeħtiġux li jiddepożitaw dikjarazzjonijiet ġodda ta' aċċettazzjoni, peress li d-dikjarazzjonijiet eżistenti jibqgħu validi taħt il-liġi internazzjonali pubblika.
- (15) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament Brussell IIa u qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (16) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija huma b'dan awtorizzati li jaċċettaw l-adeżjoni tal-Belarussja u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") fl-interess tal-Unjoni.

2. L-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija għandhom, sa mhux aktar tard minn [tnax-il xahar minn wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni], jiddepożitaw dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Belarussja u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, fl-interess tal-Unjoni, fformulata kif ġej:

“[L-isem sħiħ tal-ISTAT MEMBRU] jiddikjara li jaċċetta l-adeżjoni tal-Belarussja u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/...”.

3. L-Awstrija, il-Lussemburgu u r-Rumanija għandhom jinfurmaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bid-depożitu tad-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Belarussja u l-Uzbekistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dikjarazzjonijiet fi żmien xahrejn minn meta jiddepożitawhom lill-Kummissjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva dakinhar tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Awstrija, il-Lussemburgu u lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*